TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

George Winston Schembri

vs

SMS Mondial

CCT 190/2015/MS

11 ta' Jannar 2016.

It-Tribunal

Ra t-talba tar-rikorrent tal-5 ta' Ottubru 2015.

Ra r-risposta tas-socjeta intimata tat-18 ta' Ottubru 2015.

Ra l-atti processwali, sema' x-xhieda.

Ikkunsidra,

Irrizulta mill-provi illi fl-ahhar tas-sena tal-2014, ir-rikorrent u martu thajjru jibbukjaw *cruise* bejn it-2 ta' Awwissu 2015 u l-14 ta' Awwissu 2015. Raw fuljett tal-kumpanija CDF Croisieries de France 2015 li irreklama dan il-*cruise* fuq mhedda ta' ghaxart ijiem li minnhom lejl kellu jitqatta' Barcelona f'lukanda B&B.

Ili r-rikorrent mar fl-ufficini tas-socjeta' intimata li kienet tirraprezenta l-kumpanija Franciza fuq imsemmija fejn wara ftehim fis-7 ta' Novembru tal-2015 sar depozitu ta' seba' mitt Euro (€700.00) fuq ammont totali ta' tlett elef u sitta u hamsin Euro (€3,056).

Ir-rikorrent ghamel referenza ghall-fuljett tar-riklam illi kien ighid "10 Nights All Inclusive Zenith" - (Zenith huwa l-isem tal-vapur). Id-data tat-tluq hija indikata bhala l-Hadd 2 ta' Awissu b'titjira ghall-Barcelona u lejl f'dik il-Belt. Ir-rikorrent ghalhekk assuma illi dawk l-ghaxart iljieli kellhom ikunu fuq il-vapur mentri fil-fatt lejl minnhom tqatta' f'lukanda Barcelona minfejn telaq il-vapur. Meta irrejalizza li l-*cruise* kien ser jibda fit-3 ta' Awissu 2015 ilmenta mas-socjeta' konvenuta.

Illi permezz ta'ittra datata 15 ta' Lulju 2015 is-socjeta' intimata infurmat lir-rikorrenti illi l-vaganza tieghu kienet ser tibda fit-2 ta' Awwissu kif stipulat fir-riklam u avzatu li jkunu l-ajruport fit-2 ta' Awissu 2015 fil-11.30pm qabel it-titjira ghal Barcelona fejn kienu prenotati ghall-lukanda Fiera Congress fuq bazi ta' B&B.

Illi r-rikorrent u martu marru l-ajruport fil-hin indikat lilhom. Gara pero' kif stqarr l-istess rikorrent li kien hemm delay ta' saghtejn u telqu minn Malta fl-04.00am tat-3 ta' Awissu 2015 biex finalment

waslu l-lukanda fis-07.00am fejn kien tard wisq biex jorqdu u minflok marru dritt ghall-kolazzjon u ftit wara telqu ghal tour ta' Barcelona bil-*coach*. Ovvjament peress illi r-rikorrent u martu kienu ghajjenin hafna ma gawdewx din il-gita u minflok raqdu. Fis-18.00hrs imbarkaw fuq il-vapur ghal bidu tal-*cruise*.

Illi r-rikorrent qieghed jilmenta illi l-kumpanija qarrqet meta pproduciet ir-reklam bid-data tat-tluq ''2 ta' Awwissu 2015" meta fil-fatt it-tluq kien fit-3 ta' Awwissu 2015 u b'hekk gie li tilef lejl minn dawk l-ghaxra reklamati mis-socjeta' intimata.

Ikkunsidra

Illi jibda biex jinghad illi s-socjeta' intimata setghet kienet aktar preciza fl-informazzjoni illi tat fir-riklam taghha. Fil-fatt ma hemm ebda indikazzjoni tal-hin tat-titjira. Hemm biss indikat li t-titjira kellha tkun fit-2 ta' Awissu b'overnight stay Barcelona. Ghalkemm huwa minnu illi l-lukanda go Barcelona kienet prenotata ghal-lejl wiehed bejn it-2 u t-3 ta' Awissu, it-titjira ma kenitx fit-2 ta' Awissu izda kmieni filghodu tat-3 ta' Awissu. Kien ikun aktar preciz li kieku d-data tat-tluq kellha tkun indikata bhala 3 ta' Awissu 2015. Fuq dan, it-Tribunal jiccensura lis-socjeta' intimata peress illi kienet ta' inkonvenjent ghall-intimati illi qattghu hin gol-ajruport inutilment. Ghall-bqija tal-informazzjoni pero, ir-riklam huwa korrett.

Illi gara pero' illi l-ajruplan ghal Barcelona ittardja b'saghtejn li aggravat aktar is-sitwazzjoni ghar-rikorrenti fejn kellhom iqattghu hames sighat stennija l-ajruport. L-ajruplan telaq minn Malta fl-4.00am minflok fis-2.00am u huma wasslu l-lukanda Barcelona fis-7.00am u tilfu l-*overnight stay,* ghad illi kellhom id-dritt ghall-kolazzjon kif fil-fatt hadu. Dan id-dewmien flimkien mal-izvjar fid-datat tat-tluq tal-ajruplan kienu l-kawza principali tal-inkonvenjent illi sofrew ir-rikorrent u martu. Ghal dan id-dewmien zgur li ma kenitx tahti s-socjeta' konvenuta illi pprenotat kollox fuq il-hinijiet regolari ndikati tat-tluq tal-ajruplan. Pero' kienet tahti fl-indikazzjoni tal-gurnata tat-tluq meta kienet taf ben tajjeb li t-tluq tal-ajruplan kellu jkun fit-3 ta' Awissu 2015 fis-02.00am u mhux fit-2 ta' Awissu 2015. Min-naha l-ohra, meta r-rikorrenti gew avzati biex jiltaqghu l-ajruport fil-11.30pm tat-2 ta' Awissu, setghu jissoponu illi t-titjira kienet ser tkun fit-3 ta' Awissu (kmieni filghodu) u li kienu ser jaslu l-lukanda fis-sighat bikrin ta' fil-ghodu. Ma kellhomx ikollhom sorpriza ta' dan.

Ikkunsidra

Illi pero' it-Tribunal ma jaqbilx mal-komputazzjoni maghmula mir-rikorrent ghat-talba tad-danni minnu reklamati. Jibda biex jinghad illi c-cifra ta' €259.80 hija mahduma abbazi ta' wiehed minn kull ghaxra tal-granet illi suppost kellu jittiehed dan il-*cruise*. Skond il-*brochure* kien jidher car illi l-embarkazzjoni ghall-bidu tal-cruise kien prenotat ghat-3 ta' Awissu 2015 fis-18.00hrs. Is-sighat ta' qabel kellhom jittiehdu fil-vjagg minn Malta u Barcelona u ghal konvenjent tal-istess klijenti taghha, s-socjeta konvenuta pprenotat u hallset lejl f'lukanda kif ukoll excursion gol-Belt ta' Barcelona. Ma kienx difficli ghar-rikorrenti jissoponu illi fis-sighat bikrin ta' filghodu kienu ser jaslu ghajjenin il-lukanda. Anke kieku l-ajruplan zamm il-hinijiet regolari tieghu. Kif gja inghad fuq il-kwistjoni tad-dewmien tat-tluq dan ma kellha ebda tort is-socjeta' intimata u m'ghandhiex

tkun penalizzata ghan-nuqqasijiet illi taghhom huma responsabbli terzi persuni. Ghalhekk fuq dan l-ammont it-Tribunal ma jidhirlux illi r-rikorrenti ghandhom jigu rizarciti.

Illi ghal dak li jirrigwarda r-rifuzjoni ta' €70.00 ghall-*excursion* ta' Barcelona, ir-rikorrenti jellhom ghazla. Jew li jmorru ghall-excursion jew inkella jibqghu l-lukanda u jistriehu, zgur san-nofs in-nhar fejn normalment kamra ghandha tigi vakata. F'dan il-kaz ir-rikorrenti ghazlu li jiehdu l-kolazzjoni u jmorru fuq l-*excursion.* Mhuwiex tort tal-kumpanija illi fuq l-excursion raqdu. Dina konsegwenza tat-tluq tard hafna tat-titjira minn Malta li, anke jekk ma ttardjatx, setghu dejjem jissoponu illi ser twassalmhom Barcelona zgur li mhux qabel it-3.00am. La ghazlu li jipprenotaw u jmorru fuq l-excursion (li fic-cirkostanzi tat-tluq dejjem kien ha jkun ftit jew wisq ta' gheja) allura m'ghandhomx jippretendu rifuzjoni ta' dan is-servizz.

Illi ghal dak li jirrigwarda id-disghin Euro tal-inkonvenjent, it-Tribunal jidhirlu illi dan huwa gustifikat stante illi r-riklam ma kienx preciz fl-informazzjoni u seta' jizvija. It-Tribunal m'ghandux ghalfejn jirrepeti li t-titjira ghal Barcelona ma kienet ser tkun qatt il-Hadd 2 ta' Awissu 2015 izda se mai kmieni filghodu tat-Tnejn 3 ta' Awissu 2015. Dan l-izvijar seta' kien ta' inkonvenjent u ta' dan ir-rikorrenti haqqhom ikunu kompensati.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jikkundanna l-isocjeta' intimata li tirrifondi lill-istess rikorrenti is-somma ta' disghin Euro (€90.00) bhala kumpens ghal dikjarazzjoni zbaljata fir-riklam tal-cruise li kien kawza ta' inkonvenjent ghar-rikorrenti.

Bl-ispejjes kontra l-isocjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru